II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1323

**tas-27 ta' Ġunju 2023**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Mejju 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim ta' kummerċ ħieles ma' New Zealand.

(2) Fit-30 ta' Ġunju 2022, in-negozjati għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim") ġew konklużi b'suċċess.

(3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim ([1]).

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) It-test tal-Ftehim ser jiġi ppublikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ROSWALL